MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Numru. 94/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**-vs-**
**JOSEFA MARIE XUEREB**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata JOSEFA MARIE XUEREB bint Loreto u Antonia nee Portelli imwielda Victoria u residenti Garden Flats, Flat 2, Garden Street, Ghajnsielem u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 16287 (G) akkuzata talli:

F'Ghajnsielem u fi bnadi ohra f'Ghawdex, matul ix-xahar ta' Frar, 2003 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe` talli:

Uzat xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu jew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlet uzu minnu mhux sew.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` lill-Ispettur Angelo Caruana u l-Ispettur Antonello Grech u PC 759 jixhdu. Illi mix-xhieda tal-Ispettur Caruana jirrizulta illi certu Charlot Louise Azzopardi kienet qed tallega illi l-imputata kienet qed iccempilla fuq il-mobile phone taghha u tallegala li marret mal-ex-gharus taghha. Illi huwa stqarr li mal-imputata ma tkellimx u kien biss l-Ispettur Grech li kellem lill-imputata.

L-Ispettur Grech qal illi l-imputata irrilaxxat stqarrija fis-sebgha u ghoxrin ta’ Frar, 2003 u fl-ebda hin ma ammettiet li kienet cemplet lill-imputata b’mod abbuziv jew kontra l-ligi.

Illi PS 759 ikkonferma biss li fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Caruana huwa mar ifittex lill-imputata u akkompanjaha l-ghassa biex tigi investigata mill-Ispettur Grech.

Illi l-Prosekuzzjoni naqqset li tressaq lil Charlotte Louise Azzopardi biex tixhed f’dawn il-proceduri u tikkonferma r-rapport taghha.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` Artikoli 39 (1) (d) tal-Kapitolu 399 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u tilliberaha minn din l-istess akkuza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------